MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 755/2004

Avukat Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Nokia Corporation
vs
Remy Said

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha ppremetta:

Illi l-attur nomine kien il-proprjetarju tad-dritt registrat mal-Kontrollur tad-Dwana (Dok NC 1 u NC2) msejjah Nokia, liema dritt kien gie registrat f'Malta fit-18 ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324;

Illi fid-disa' (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u erba' (2004) gewwa l-ajruport ta' Malta, il-konvenut li kien fuq it-titjira AZ 886 li kienet telqet minn Bangkok via Ruma direzzjoni

Malta, kien importa mija u erba u tletin (134) batterija ta' mobile phone u immarkata "Nokia", li l-attur nomine kien issuspetta li kienu foloz;

Illi l-Kontrollur tad-Dwana kien zamm taht il-kontroll tieghu din il-merkanzija u mill-kampjun li kien ittiehed mill-attur nomine kien irrizulta li l-batteriji de quo kienu foloz (Dok NC 3);

Illi l-attur nomine kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-batteriji importati gewwa Malta (Dok NC 4) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur nomine jgawdi drittijiet intelletwali fuq il-batteriji ta' mobile phones tal-marka Nokia, u tiddikjara u tiddeciedi li l-imporatazzjoni tal-batteriji tal-marka NOKIA migjuba mill-konvenut f'Malta b'titjira AZ 886 fid-disa' (9) ta' Settembru ta' din is-sena, huma foloz, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn il-batteriji ta' mobile phone minn terzi persuni mhux maghrufa, jilledi d-drittijiet intelletwali ta' l-attur nomine bhala proprjetarju registrat, skond il-Ligi ta' Malta, tal-marka tal-batteriji Nokia.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta' l-attur nomine jew rapprezentanti tieghu, jiddistruggu l-batteriji foloz fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Qorti.

4. Tiddikjara li l-attur nomine sofra danni rizultat ta' dan l-agir abbuziv tal-konvenut.

5. Tillikwida dawn id-danni okkorendo bin-nomina ta' espert nominandi.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ai termini ta' l-artikolu 85 tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta jhallas dawn id-danni hekk likwidati min din il-Qorti lill-attur noe.

Bl-ispejjez, komprizi kwalsiasi depozitu u interessi fuq l-istess talvolta rikjest mill-Kontrollur tad-Dwana, u spejjez dovuti in konnessjoni ma' l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza, u b'riserva ghal kwalsiasi danni sofferti u li ghad jista' jsofri l-attur nomine kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

a. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut ma kellux oggezzjoni li l-batteriji ta' mobile phones tal-marka Nokia jigu ezaminati u jigu distrutti f'kaz li jirrizulta li kienu foloz;

b. Illi fit-tieni lok pero` l-konvenut ma kellux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez in konnessjoni mal-eliminazzjoni tal-imsemmija batteriji foloz, u ghad-danni reklamati mill-attur nomine in kwantu l-konvenut kien akkwista l-imsemmija batteriji in ***buona fede*** taht l-impressjoni li l-imsemmija batteriji kienu originali, u ma kien fl-ebda mument xjenti li l-imsemmija batteriji setghu kienu foloz;

c. Illi l-konvenut ma kienx bniedem tekniku li seta' jiddetermina jekk effettivament l-imsemmija batteriji kienux foloz inkella genwini, u kien biss wara ezami akkurat minn esperti teknici li jaghmilha possibbli li wiehed jinduna jekk l-imsemmija batteriji kienux foloz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Peter Fenech li fih issemma li hu kien gie mahtur bhala mandatarju tas-socjeta` estera Nike Corporation biex jistitwixxi l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji biex jigu protetti l-interessi taghhom. Hu kien talab lid-Dwana biex jigi nfurmat bid-dettalji tal-importatur u l-merkanzija maqbuda in konnessjoni mal-kawza odjerna. Kien ukoll talab lid-Dwana biex jinghata batterija wahda bhala kampjun u baghatha lill-klijenti tieghu gewwa l-Finlandja biex isiru l-ezamijiet necessarji dwar l-awtenticita` ***o meno*** tal-merkanzija. Sussegwentement kien irrizulta li l-kampjun kien falz. Fil-bidu ta' Ottubru 2004 ix-xhud ikkuntattja lill-konvenut biex forsi jigi milquh ftehim bonarju pero` l-konvenut qatt ma tah risposta.

Gie prezentat affidavit ta' George Scerri, Fizzjal tad-Dwana fis-sezzjoni tal-infurzar li fih issemma li fid-9 ta' Settembru 2004 kien gie nfurmat mill-assistent tad-Dwana Anthony Zammit li passiggier, Remy Said, inzamm hu u hiereg mill-***blue exit***. Wara li saret tfittxija fuq il-valggji tieghu nstab li kellu xi affarijiet li fuqhom kellu jhallas id-dazju u t-taxxa fuq il-valur mizjud. Gie nnutat ukoll li xi affarijiet li kellu fil-pussess tieghu setghu ma kienux originali. Hu kien ikkomunika ma' Dr. Sarah Galea ta' Ganado Sammut Advocates bhala rapprezentanti tad-ditta Nokia. Kien gie elevat kampjun u moghti lil Dr. Galea ghal aktar stharrig. Fis-27 ta' Settembru 2004 kien gie nfurmat minn Dr. Galea li l-batterija in kwistjoni kienet falza. Il-batteriji kienu gew trasferiti mill-ajruport ghall-ufficini tad-Dwana fil-Gudja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Xehed il-konvenut Remy Said li semma li meta kien Bangkok xtara numru ta' batteriji minn hanut li hu ***ISO Certified***. Dan kien hanut f'***shopping mall*** u kellu ***section*** li kien jispecjalizza fil-qasam tat-teknoligija. Fic-centru kollu hemm mill-inqas xi 1000 hanut. Fuq il-hanut stess hemm indikat li huwa ***ISO certified***. Qal li kien xtara 135 batterija. Kienu deheru li huma genwini u kellhom miktub fuqhom Nokia. Sostna li kellhom l-***ispecifications*** kollha normali u kien indikat li kienu gew manifatturati fic-Cina. Il-***packaging*** kien normali u kien deher kollox regolari. Qal li nehha l-***packaging*** minhabba l-ispazju tal-valiggja. Il-hanut kien specjalizzat f'affarijiet tal-batteriji b'mod senjat f'affarijiet tal-***mobile phones***, ***parts*** u accessorji tal-***mobile phones***. Qal li l-prezz ta' batterija bil-valur Malti huwa ta 65c il-wahda. Hu xtrahom bl-intenzjoni li kienu kunsidrati bhala originali. Ix-xhud jahdem fin-negozju fil-linja ta' importazzjoni generali.

In kontro ezami qal li meta dahal Malta waqqfuh tad-Dwana. Il-***packaging*** baghatu flimkien ma' merkanzija ohra li kienu hwejjeg u dawn baghathom bl-ajru. Ir-raguni li zamm il-***batteries*** hija li kienu daqsxejn tqal u zammhom fil-valiggja f'idejja. Huma kellhom miktub fuqhom kollox bhall-***batteries*** hawn Malta u b'hekk iddetermina li huma genwini.

Xehed Mark Zammit li qal li xogholu huwa li jimporta l-hwejjeg u jbieghhom. Qal li lill-konvenut jafu u gieli vvjaggaw flimkien u dejjem ghall-iskop ta' negozju. Ikkonferma li f'Settembru 2004 kien siefer it-Tajlandja mal-konvenut. Kienu xtraw mill-M.B.K. Centre go Bangkok li huwa centru kbir. F'dik l-okkazjoni l-konvenut kien xtara diversi batteriji tan-Nokia u x-xhud kien xtara ***mobile*** ghalih. Zied jghid li minn fejn xtraw huwa ***shopping mall kbir*** u hemm diversi hwienet ta' ***mobiles*** u huwa ***I.S.O. Certified*** u hemm hames mitt hanut f'dan is-***shopping mall*** u sezzjoni minnhom hija specjalizzata fl-elettronika. Sostna li l-batteriji kienu esebiti fil-hanut bhal kull hanut iehor professjonali. Ma kien hemm xejn li kien jindika li l-batteriji jew il-***mobile*** li xtara x-xhud ma kienux genwini.

In kontro ezami qal li mistoqsi dwar valuri komparattivi qal li naturalment l-affarijiet hemmhekk huma irhas minhabba l-i***standard of living***. Qal li l-***mobile li xtara*** hu minn Malta trid LM140 ghalih u hemmhekk kien xtrah b'LM100, u meta tixtri ***wholesale***, il-prezzijiet terga' jkunu irhas.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet li hu m'ghandux oggezzjoni li l-batteriji msemmija jigu ezaminati u distrutti f'kaz li jirrizulta li huma foloz. Illi din l-eccezzjoni mhix wahda ta' natura legali izda sempliciment stqarrija. Fil-fatt irrizulta li l-batteriji huma foloz u ghalhekk tapplika d-dikjarazzjoni tal-konvenut ghan-nuqqas ta' oggezzjoni.

Sekondarjament il-konvenut sostna li m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez in konnessjoni mal-eliminazzjoni tal-batteriji foloz u ghad-danni reklamati u dan minhabba li sostna li hu kien xtara ***in buona fede*** taht impressjoni li l-imsemmija batteriji kienu originali. Issa f'dan ir-rigward ta' min isemmi li l-attur imkien ma talab l-ispejjez in konnessjoni mal-eliminazzjoni tal-batteriji ***ut sic*** ghalkemm talab il-kundanna tal-konvenut ghal agir abuziv, likwidazzjoni ta' danni u ordni ghall-hlas ta' danni. Hawn ukoll il-Qorti sejra tezamina l-aspett tad-danni u trid taghmilha cara mill-ewwel li l-fatt tal-***buona fede*** tal-konvenut ma taffettwax id-danni. Hawn qeghdin fil-kamp civili u ghalhekk biex wiehed jigi kundannat ihallas danni mhux necessarju xi ***dolus*** izda huwa sufficjenti li jigu pruvati danni. Izda wara li l-Qorti fliet il-process, l-attur nomine mkien ma indika ammont ta' xi danni li qed jaghmel il-pretensjoni tieghu dwarha u ***una volta*** mhux pruvati l-imsemmija danni din il-Qorti bil-fors li jkollha tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut.

Dwar it-tielet eccezzjoni, illum il-gurnata rrizulta li l-imsemmija batteriji kienu foloz wara li sarilhom ezami min-nies teknici. Minhabba f'dan wara li l-Qorti qieset li l-attur nomine jgawdi drittijiet intellettwali fuq ***mobile phones*** tal-marka Nokia, qed tiddikjara u tiddeciedi li l-importazzjoni tal-batteriji ***de quo*** kienet tinvolvi importazzjoni ta' batteriji foloz u li tali manifatturar u produzzjoni ta' dawn il-batteriji jiledi d-drittijiet intellettwali tal-attur nomine bhala

proprjetarju registrat tal-marka tal-batteriji Nokia u ghalhekk tilqa' l-ewwel tliet talbiet tac-citazzjoni fis-sens tad-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija u f'illi tordna lill-Kontrollur tad-Dwana biex jiddistruggi l-imsemmija batteriji foloz.

Kif issemma fuq dwar ir-raba', hames u sitt talbiet, ebda ammont ta' danni ma gie pruvat u allura hu ferm difficli ghal din il-Qorti li tasal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta` u likwidazzjoni kif ukoll kundanna ta' danni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara li cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni u laqghet it-tieni eccezzjoni;

Qed tilqa' l-ewwel tliet talbiet u tiddikjara li l-batteriji msemmija huma foloz, li l-manifatturar u l-produzzjoni taghhom minn terzi persuni jilledi d-drittijiet intellettwali tal-attur nomine u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-istess batteriji.

Dwar danni dawn ma gewx ippruvati u ghalhekk ir-raba', il-hames u s-sitt talba ma jistghux jigu milqugha.

Dwar il-kap tal-ispejjez ghalkemm ma giex pruvat li l-konvenut kellu xi intenzjonijiet doluzi u li kif kienet is-sitwazzjoni seta' jigi ttradut mill-fatt ta' kif sar ix-xiri, xorta wahda thoss li ghandu jkun responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza odjerna, u minhabba f'dan tikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------